BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 06/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 25 ta' Mejju 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>Il-Kamra aċċettat ir-raġunijiet tal-Kunsillieri sabiex jiġu skużati - (Ittri annessi) |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 05/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

*01/05 -* Tressqet talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 sabiex bejn il-Ġimgħa, 16 u l-Ħadd, 18 ta' Lulju 2010 mis-6.00pm sal-11.00pm jorganizzaw Lejla Sajfija fil-*promenade* ta' Birżebbuġa. Il-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjonijiet segwenti :

- Il-volum tal-mużika jinżamm prudenti
- L-attivita' u l-mużika ma jeċċedux il-11.00pm
- Il-post irid jitħalla nadif
- Jinġiebu l-permessi tal-Pulizija u ta' awtoritajiet oħra ikkonċernati

*02/05 -* Tressqet talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 sabiex nhar it-23 ta' Lulju 2010 mis-6.00pm sal-11.00pm jorganizzaw BBQ fi Triq Birżebbuġa quddiem il-Każin. Il-Kamra laqgħet din it-talba bil-kundizzjonijiet segwenti :

- Il-volum tal-mużika jinżamm prudenti
- L-attivita' u l-mużika ma jeċċedux il-11.00pm
- Il-post irid jitħalla nadif
- It-tisjir irid isir kollu ġewwa
- Jinġiebu l-permessi tal-Pulizija

03/05 - Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti ittra mressqa mill-Grupp Armar tal-Festa fir-rigward tal-armar għall-Festa Nazzjonali tas-Sette Giugno kif ukoll għall-festun li jintrama x-Xatt bejn Ġunju u Settembru. Il-Kamra qablet li l-Grupp Armar tal-Festa jarma għas-Sette Giugno Triq Żarenu Dalli għal ħlas ta' €118.00 u l-festun fil-Bajja s-Sabiħa għal ħlas ta' €550.00 bil-kundizzjonijiet tas-sena l-oħra.

04/05 - L-Għaqda Mużikali San Pietru Fil-Ktajjen ma kienetx sodisfatta bit-tweġiba li ngħataw fir-rigward tad-diżappunt tagħhom f'Jum Il-Ħelsien 2010. Għaldaqstant qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa din il-materja. Il-Kamra qablet li tagħmel laqgħa mal-Għaqda Mużikali ġurnata bejn it-8 u l-10 ta' Ġunju 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.

05/05 - Resident ressaq talba sabiex fi Triq Dun Ġorġ Zammit isiru *parking bases* u *stop sign* kif ukoll ġibed l-attenzjoni li hemm periklu f'tarf it-triq minħabba li m'hemmx ilqugħ. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li għandhom isiru tabelli u indikazzjoni li hemm 'dead end' f'tarf it-triq imsemmija.

06/05 - Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ġie mistieden sabiex jagħmel laqgħa, fejn ser tiġi diskussa d-demokrazija fid-dawl tal-liġi tal-Kunsilli Lokali li għadha kif inbidlet, ma' delegazzjoni mill-Congress of Local and Regional Authorities of the Council of Europe nhar il-21 ta' Ġunju fit-3.00pm fejn wara din il-laqgħa d-delegazzjoni minn Brussel tħejji rapport li jiġi preżentat fi ħdan il-kungress. Il-Kamra laqgħet din l-istedina.

07/05 - Is-Sur Azzopardi qed iressaq talba quddiem il-Kunsill sabiex ikun jista' jibda jopera t-*trampoline* fil-Bajja s-Sabiħa mid-data kurrenti flok mill-15 ta' Ġunju 2010. Il-Kamra laqgħet din it-talba.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Is-Sindku nforma l-Kamra fir-rigward tat-tieni laqgħa li l-Kunsill kellu flimkien mad-Direttorat tal-Ambjent u uffiċjali mill-Port Ħieles fuq l-*Environmental Permit* ta' PA 04819/07 - Estensjoni ta' Terminal I tal-Port Ħieles. Hu jinsab sodisfatt b'dak li qed joħroġ minn dawn il-laqgħat. Il-Port Ħieles qed jippreżentaw ftit, ftit ir-rapporti li ntalbu jagħmlu fl-ewwel laqgħa u ntalbu rapporti oħra li ser jippreżentawhom fil-laqgħa segwenti u li ser issir għal Lulju.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

- Kwotazzjoni 01/10 - Provista ta' *Photocopy Paper*

| | | |
|---|---|---|
| 1. Smart Office | €14.16 | €13.19 |
| 2. Venture Trading | €20.00 | €16.50 |
| 3. Golden Gate | €16.06 | €12.88 |
| 4. Duraprint | €24.78 | €30.68 |

Il-Kamra qablet li jintgħażel Kuntrattur Nru. 1 peress li kien l-orħos wieħed.

- Kwotazzjoni 02/10 - Provista ta' *Garbage Bags*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. Smart Office | €1.18 | €0.59 | €0.93 |
| 2. Doves Petshop | €1.20 | €0.60 | €0.90 |
| 3. Golden Gate | €1.06 | €0.50 | €1.00 |
| 4. KC Trading | €1.00 | €0.45 | €0.80 |

Il-Kamra qablet li l-Kuntratturi jintalbu *sample* tal-*garbage bags* u jintgħażel l-orħos Kuntrattur bl-aħjar kwalita' ta' borża.

- Kwotazzjoni 03/10 - Provista u *Printing* ta' *Letterheads* u *Complimentary Slips*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Integrated Electronics | €102.90 |
| 2. | Veritas | €114.46 |
| 3. | Duraprint | €141.60 |
| 4. | Golden Gate | €101.48 |

Il-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 4 peress li kien l-orħos wieħed.

- Kwotazzjoni 04/10 - Provista ta' Linka, *Toners* u *Fax Rolls*

| | Item 1 | Item 2 | Item 3 | Item 4 | Item 5 | Item 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. Smart Office | €80.23 | €76.59 | €26.35 | €25.94 | €170.60 | €28.12 |
| 2. Chossey DVD Rentals | | | €25.90 | | | €27.50 |
| 3. Golden Gate | €68.80 | €46.75 | €24.35 | €1.68 | €149.27 | €26.22 |
| 4. Venture Trading | €73.00 | €30.00 | €35.00 | €27.45 | €153/€205 | €30.60 |

Il-Kamra qablet li jintgħażel l-orħos Kuntrattur għal kull *item* biex b'hekk Kuntrattur Nru. 1 jintgħazel għat-tieni u r-raba' *items* u Kuntrattur Nru. 3 għall-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-sitt *item.*

- Kwotazzjoni 05/10 - Servizz għal tindif ta' *promenade b'mechanical sweeper*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Ronald & Chris Bezzina | €3120 |
| 2. | Alex Fenech | €4950 |
| 3. | Salvu Mifsud | €4800 |
| 4. | Patrick Bonanno | €4000 |

Il-Kamra qablet li jintgħażel Kuntrattur Nru. 1 peress li kien l-orħos wieħed.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-*Financial Statements*, l-Ittra ta' Direzzjoni li ppreparaw l-awdituri tal-Gvern wara li ffinalizzaw l-awditjar tas-sena finanzjarja 2009 u r-risposta għal din l-ittra sabiex tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lill-Awditur Ġenerali.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tlett xhur bejn 1/1/10 u 31/3/10. Dan ġie approvat mill-Kamra.

***<u>AĠENDA -7</u>***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €42,359.65 titħallas skond Skeda Nru. 05/10.

***<u>AĠENDA -8</u>***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :

   - Il-proġett tal-Kunsill fir-rigward tal-ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Porto San Giorgio ġie aċċettat u ser ningħataw fondi mill-EU.

- Il-Kunsill qiegħed jaħdem sabiex japplika għal żewġ proġetti oħra mill-fondi tal-EU.

- Il-Kappillan ser jorganizza Lejla Sajfija f'Bengħisa fid-19 ta' Ġunju 2010 mis-7.30pm sal-11.30pm. Kulħadd mistieden jattendi.

- Iċ-ċerimonja kommemorattiva tas-Sette Giugno ser issir fi Ġnien Profs. Anton Tabone.

- Il-proġett li applika għalih il-Kunsill 'Riġenerazzjoni tal-Kosta' taħt l-iskema ta' Finanzjament għal Lokalitajiet Sostenibbli ma ġiex aċċettat.

2. Is-Sindku nforma l-Kamra li hemm bżonn jinżebagħ is-sular ta' fuq, it-tromba kif ukoll fuq il-bejt tal-uffiċini tal-Kunsill. Il-Kamra qablet li dan għandu jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, mhux waqt il-ħin tax-xogħol għal prezz ta' €1100 Vat inkluż.

3. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex fid-dawra tal-*prominade* jitwaħħlu strutturi fejn jiġu mormija s-sigaretti. Ġiet ippreżentata stima fuq il-mejda li tammonta għal €80 kull struttura li tinkludi l-*galvanizing*. Il-Kamra qablet ma' dan is-suġġeriment u ser isiru tlettax-il struttura.

4. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fuq l-ammont kbir ta' skart li qed jintrema f'Misraħ Is-Summit.

5. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li għalkemm ilhom żmien twil irrapportati l-arbli tad-dawl fi Triq Tal-Gurgier u Triq Il-Kartaġiniżi kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles dawn għadhom ma tneħħewx.

6. Saret mistoqsija lis-Segretarju Eżk. minn J.Borg sabiex ikun jaf il-proċedura li tintuża mill-Kunsill fir-rigward ta' *derelict vehicles*. Is-Segretarju Eżk. informat lill-Kamra li fir-rigward ta' ilmenti li jidħlu l-Kunsill fuq *derelict vehicles* dawn jiġu mgħoddija lill-Pulizija għal verifikazzjoni. Wara dan l-istadju sta għal Pulizija sabiex tavża u tiżgombra l-karozza in kwistjoni.

7. Is-Sindku nforma l-Kamra li x-xogħol fuq ir-*roundabout* ta' Triq San Ġorġ beda u l-Kunsill qed jiddiskuti mal-ELC fir-rigward tad-disinn u d-dekorazzjoni tagħha.

8. L-ASKLM qed torganizza programm ta' taħriġ speċjalizzat dwar l-immaniġġar ta' fondi u proġetti tal-EU fi Brussel għas-Segretarji Eżk. Dan ser ikun parti iffinanzjat mill-ASKLM. L-Assoċjazzjoni qed tħeġġeġ il-Kunsilli Lokali sabiex jassistu lis-Segretarju Eżk. sabiex ikun jista' jattendi għal dan it-taħriġ. Il-Kamra qablet li tħallas il-passaġġ, l-akkomodazzjoni u l-*insurance* lis-Segretarju sabiex tattendi.

9. Is-Sindku ressaq suġġeriment fejn sostna li la darba l-ġemellaġġ ġie aċċettat kemm mill-Gvern Ċentrali u kemm mill-E.U., il-Kunsillieri li marru Porto San Giorgio f'isem il-Kunsill minn buthom jiġu mħallsa tal-ispejjeż li għamlu. Il-Kunsillieri nvoluti kif ukoll is-Sindku ma riedux rifużjoni tal-ispejjeż u għaldaqstant is-suġġeriment ma ġiex milqugħ.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-8.20pm. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| ........................................ | .............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## Schedule of Payments 05/10

## Period 01/05/2010 till 31/05/2010

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7799 | Tino 2000 | Office Supplies | € 26.99 |
| 7802 | Bezzina Ronald | Extra Work | € 10.00 |
| 7800 | Ellul Pauline | Office Cleaning | € 76.00 |
| 7803 | MG Pulis | Supplies | € 45.16 |
| 7804 | WasteServ Malta Ltd. | Tipping Fees Mar 10 | € 4,021.81 |
| 7805 | Agenda Bookshop | Book for Priceday | € 14.00 |
| 7806 | Central Districts Office | Patching | € 4,241.92 |
| 7807 | Information Technology Services Ltd. | Sage Line 50 Installation | € 76.70 |
| 7808 | Elmein Ltd | 6 monthly certificate | € 54.98 |
| 7809 | MITA | Maintenance and Support Apr-Jun 10 | € 416.85 |
| 7810 | Smart Office Supplies | Stationery | € 90.57 |
| 7797 | Charlies Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 1,183.74 |
| 7811 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 338.16 |
| 7812 | JJ Ironmongery | Various Hardware Supplies | € 1,695.33 |
| 7813 | Nexos | Street Lighting | € 1,512.16 |
| 7814 | Fenech Maria | Hall Cleaning | € 34.00 |
| 7815 | MITA | Councillors e-mail account | € 24.90 |
| 7786 | Marcomp Ltd. | New tower | € 449.99 |
| 7795 | Commissioner of Inland Revenue | PAYE & NIC April 10 | € 1,299.12 |
| 7801 | Fenech Charlie | Tipper Truck April 10 | € 1,452.00 |
| 7817 | ELC | Upkeep Public Gardens | € 1,147.92 |
| 7818 | New Era | Street Sweeping | € 1,939.58 |
| 7819 | Bezzina Ronald | Upkeep Public Convenience | € 1,017.29 |
| 7948 | RVS Ltd | Refuse Collection April 10 | € 8,008.00 |
| 7820 | Bezzina Ronald | Upkeep Public Places April 10 | € 332.92 |
| 7821 | Paul Vella | 2 Books - Malta History | € 50.00 |
| 7822 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | € 45.00 |
| 7823 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | € 45.00 |
| 7824 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Signs | € 92.90 |
| 7825 | Duraprint | Photocopy Paper & Letterheads | € 341.02 |
| 7826 | Swallow Garage | Lifter | € 139.75 |
| 7827 | Andrew Fleri Soler | Copier Repair | € 30.00 |
| 7828 | Go plc. | Telephone Expenses | € 357.65 |
| 7829 | Carmen Debattista | Library Opening April 10 | € 93.28 |
| 7830 | Sound Vision Print Ltd. | Advert | € 70.42 |
| 7831 | Grupp Gharmar tal-Festa | Supplies | € 116.82 |
| 7832 | Mary Jane Cutajar | Garage Rent | € 524.11 |
| 7833 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Coated Stone + Kerbs | € 1,852.07 |
| 7947 | DOI | Advert | € 9.32 |
| 7834 | Bezzina Ronald | Bulky Refuse - April 10 | € 178.50 |
| 7835 | Joe Abdilla | Metal Dustbins | € 116.82 |
| 7836 | Anglu Cutajar | Handy Man Services | € 1,226.72 |
| 7837 | Doves Petshop | Supplies Jan - April 10 | € 1,906.58 |
| 7785 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | Health Scheme | € 550.00 |
| 7787 | Assocjazzjoni Kunsilli Lokali | Mayors Meeting | € 302.00 |
| 7788 | Joseph Farrugia | Mayors Allowance - April 10 | € 520.50 |
| 7789 | Maria Galea | Sec Salary - April 10 | € 1,698.98 |
| 7790 | Simone Fenech | Clerk Salary - April 10 | € 1,203.17 |
| 7791 | Stephanie Aloisio | Clerk Salary - April 10 | € 1,220.48 |
| 7792 | Eleonor Manicaro | Clerk Wage - April 10 | € 121.18 |
| 7793 | Kimberly-Jo Fenech | Clerk Wages - April 10 | € 32.63 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 7945 | Ghaqda Maltija tal-Ortikultura | Spring Fest Partecipation | € 4.66 | |
| | | **Total Paid** | **€ 42,359.65** | |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**